MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2010

Numru. 107/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Edmond Cuschieri]**

**vs**

**Paul Hili**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Paul Hili ta' 51 sena, imwieled fit-30 ta' Lulju 1958, gewwa Ta' Sliema, iben Joseph u Rose Bajada u residenti Is-Sienja, Triq Ras il-Wardija, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita` numru 501758M(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer u cioe` nhar l-10 ta' Gunju 2009, fi Triq Burmarrad, San Pawl il-Bahar, ghall-habta tas-6.50p.m.:
Waqt li kien qieghed isuq vettura, bin-numru ta' registrazzjoni AMH558 ta' ghamla BMW, b'nuqqas ta' hiseb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew

professjoni tieghu jew b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi li kkagunaw debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem tal-persuna ta' Keith Agius, skond kif iccertifika Dr. Rene Camilleri MD mill-isptar Mater Dei;

Talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi waqt li kien qieghed isuq vettura, bin-numru ta' registrazzjoni AMH558 ta' ghamla BMW, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' Lisa Marie Agius u Liam Agius, skont kif iccertifika Dr. Josef Zerafa MD mill-Isptar Mater Dei;
Talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi waqt li kien qieghed isuq vettura, bin-numru ta' registrazzjoni AMH558 ta' ghamla BMW, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna hsara fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjon BEZ001 ta' ghamla Nissan ghad-dannu ta' Kieth Agius u jew persuni ohra;

U talli wkoll fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura bin-numru ta' registrazzjoni AMH558 ta' ghamla BMW b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni, jew b'mod perikoluz.

Ikkunsidrat illi:

Irrizulta mill-atti tal-inkjesta illi Paul Hili kien wieqaf f'nofs it-triq jistenna li l-karrozzi mill-karreggjata opposta jghaddu. Illi rrizulta illi meta sar l-incident, l-imputat kien ser jaqsam il-karreggjata, li fiha kien hemm "*continuous line*", biex jitla' ghat-telgha tal-Wardija. Illi din il-manuvra kienet ser tkun wahda kontra l-ligi.

Illi pero` dan ma sehhx ghaliex ezatt kif l-imputat kien qed jistenna sabiex jaqsam din il-karreggjata, il-vittma Keith Agius, li kien qed isuq, fil-karreggjata opposta, sab lill-

imputat ma' wiccu f'nofs it-triq, prova jiskapolah izda ma rnexxielux u ghalhekk sar l-impatt.

Irrizulta wkoll illi Keith Agius kien qed isuq b'xi wiehed u sebghin (71) km fis-siegha u li per konsegwenza tal-incident iz-zewg karrozzi involuti fl-incident waqghu go gandott oppost ta' fejn kienu.

Illi rrizulta wkoll mill-atti tal-inkjesta illi Keith Agius x'aktarx ma rax lill-imputat jistenna fin-nofs tat-triq minhabba xarabank li kienet ezatt quddiem l-imputat Paul Hili.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma tqisx illi l-imputat ghandu jkun ikkundannat li kien qed isuq fi stat perikoluz.

Ghal dawn il-motivi:

Wara li rat l-atti kollha tal-kawza inkluzi l-atti tal-inkjesta;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat fi stadju bikri tal-proceduri;

Wara li rat il-verbal tas-seduta, datat l-ewwel (1) ta' Marzu 2010, fejn il-parte civile Keith u Sylvana konjugi Agius iddikjaraw li huma ma sofrew l-ebda griehi gravi minhabba l-incident *de quo*; u

Wara li rat l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65, l-Artikolu 226(1)(b) u (c), l-Artikolu 328(c) tal-Kap. 9, issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u peress illi l-Artikolu 328 jista' jitqies bhala assorbit fl-Artikolu 226, tikkundanna lill-imputat Paul Hili, ihallas il-multa ta' elfejn u erbgha mija u hamsin Ewro (€2,450) u li jigi skwalifikat mil-licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' tmint'ijiem (8) li jibdew jiddekorru min-nofs il-lejl tal-lum.

Illi inoltre, u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputat ihallas lir-Registratur kull spiza involuta fl-atti tal-inkjesta dwar in-nomina ta' periti.

Finalment tordna, li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lir-Registratur tal-Qorti Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------